# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Illum, l-Erbgha, 4 ta' Lulju 2001.**

**Citaz. numru 995/94 AJM**

**Margaret Zammit armla ta' John Zammit.**

**vs**

**Michael u Adrian ahwa Zammit Tabone.**

**Il-Qorti;**

Rat l-atti tar-rikors tal-atturi tal-20 ta' Gunju 1997 ;

Rat il-verbal tat-30 ta' April 1998 li fih gie registrat illi din il-Qorti iddegretat l-istess rikors billi laqghet l-aggravju fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet paragrafu tieghu u cahdet il-bqija b'dan li l-ammont kanonizzat fis-sentenza gie awmentat ghall-Lm872.40 u li dak l-istess rikors kien gie degretat kameralment.

Ikkunsidrat li hu mehtieg li dan id-digriet jigi formalment elaborat a skans ta' ekwivoku biex tkun tista' tigi ezegwita s-sentenza taghha tat-30 ta' Mejju 1997.

**RIKORS PROMOTUR**

Ikkunsidrat ir-rikors tal-20 ta' Gunju 1997 li hekk jghid :-

> "Illi dina l-kawza giet deciza minn dina l-Onorabbli Qorti fit-30 ta' Mejju, 1997.
>
> Illi l-istess decizjoni tindika xi cifri, li mid-dicitura tal-istess sentenza, jidher li dawn huma erronji u sempliciment 'lapsus', li fit-termini tal-artikolu 825(1) u (2) tal-Kap 12 jistghu jigu ccarati.
>
> Dawn huma s-segwenti :-
>
> 1. Fil-fol. 14 tad-decizjoni l-ammont indikat ta' "Lm506,60.0 – cioe' l-ammont indikat mill-appellata skond Dok B anness mac-citazzjoni. L-ammont ta' Lm506.60,0 hu l-ammont indikat mill-konvenuti fil-prospett, mehmuz man-nota tal-eccezzjonijiet fol. 21 tal-process.
>
> 2. Dan l-izball jerga jirrikorri fl-ahhar linja tal-fol. 14.
>
> Ghalhekk jekk l-ammont ta' Lm506.60,0 jsir Lm582.40,0 – l-ammont l-iehor fl-istess linja flok Lm796.60,0 ghandu jinqara **Lm872.40,0.**
>
> 3. L-istess ammont ta' Lm796.60,0 li rega gie ndikat fil-fol. 15 fit-tlettax il-linja, ghandu jinqara wkoll Lm872.40,0.
>
> 4. Dawn il-figuri pero' jridu jergghu jinbiddlu in vista tal-izball li ser jissemma hawn taht :-
>
> (i) Fil-fol. 13 tad-decizjoni, fl-ghaxar linja, l-ammont ta' Lm80 (li skond il-paragrafju 2 fol. 6 tal-istess decizjoni kellu jizdied kull sena wara l-ewwel ghaxar (10) snin cioe' wara Frar 1989)

ghandu jinqara Lm400 cioe' Lm80 zieda fis-sens ghas-snin segwenti :-

| | | |
|---|---|---|
| Frar | 1989/1990 | Lm80 |
| " | 1990/1991 | Lm160 |
| " | 1991/1992 | Lm240 |
| " | 1992/1993 | Lm320 |
| ..".. | 1993/1994 | Lm400 |

Ghalhekk il-kalkolu fit-tieni paragrafu tal-fol. 13, fid-disa' (9) u l-ghaxar (10) linja, ghandu jinqara hekk :-

"Dan igib fir-rigward ta' dan il-Kap. Figura totali ta' Lm370.
(Lm90 x 3 = Lm270 + Lm400/4 = Lm100).

5. In vista ta' dinal-precisazzjoni l-figura ta' Lm290 fl-ahhar linja fol. 14 ghandha tinqara Lm370 – ghalhekk l-ahhar linja tal-fol. 14 ghandha tinqara hekk :-

"Somma ta' Lm952.40,0
(Lm370 + Lm582.40,0)

6. Il-figura gia korretta ghall-Lm872.40,0 fit-tielet paragrafu tal-fol. 15 – trid ghalhekk tinqara **Lm952.40,0.**"

**RISPOSTA**

L-intimati hekk irrispondew :-

"Illi skond l-artikolu 825 il-Qorti tista' b'digriet tikkoregi "any error of calculation incurred in the judgement." Illi z-zewg ilmenti tar-rikorrenti m'humiex dwar zbalji izda dwar interpretazzjonijiet tal-fatti.

L-ammont imsemmi mill-Qorti a fol. 14 (l-ahhar zewg linji) huwa :-

Lm796.60 (Lm290 + Lm506.60) – illi r-rikorrent qieghda tissottometti li l-ammont ghandu jkun 582.40 u mhux 506.60.

Illi l-ammont ta' Lm506.60 huwa skond is-sentenza "kif komputat mill-appellata u likwidat fis-sentenza appellata fuq il-kap ta' l-ikel".

Illi fis-sentenza appellata hemm a fol. 6 tal-process li l-ammont offrut mill-konvenuti jammonta ghal Lm506.60 (ara l-ahhar linja ta' fol. 6 tas-sentenza appellata).

Illi r-rikorrent qieghda tippretendi li l-ammont ta' Lm582.40 imsemmi f'Dok B anness mac-citazzjoni ghandu jigi accettat. Illi dan l-ammont mhux dovut u fil-fatt skond l-istess Dok B hemm deduzzjonijiet li jridu jsiru minn dan l-ammont.

Ghalhekk l-Onorabbli Qorti accettat l-ammont ta' Lm506.60 u mhux Lm582.40.

Illi ghar-rigward paragrafu 4 tar-rikors, l-atturi qieghed jippretendu li l-ammont ghandu jizdied billi skond huma l-kalkoli ghandu jkun:-

(Lm90 x 3 = Lm270 + Lm400/4 = Lm100). Illi minn flok il-Qorti kkalkolat l-ammont kif gej :-

Lm90 x 3 = 270 + 80/4 = Lm20).

Illi din hija interpretazzjoni korretta tal-Qorti u ma hemm ebda zball ta' kalkolu."

## DIGRIET

Il-Qorti ezaminat it-talba fid-dawl tas-sentenza minnha moghtija fit-30 ta' Mejju 1997, il-konsiderandi taghha u l-atti kollha tal-kawza u ssib li l-ewwel, it-tieni u t-tielet paragrafu tar-rikors jirrizultaw fondati fit-termini kif proposti u korrettement jindikaw dak li l-Qorti kienet kjarament intiza li tipprovdi ghalih. Kien hemm lok allura li ssir il-korrezzjoni opportuna biex jigi stabbilit li l-ammont finali fid-decide tas-sentenza taghha tal-istess data jkun fil-figura ta' Lm872.40 minflok l-ammont ta' Lm796.60 kif zbaljatament indikat. Ghall-kompletezza jigi wkoll notat illi l-ammont ta' Lm506.60 f'pagna 14 tas-sentenza taht ezami kellu jigi sostitwit bl-

ammont ta' Lm582.40. Ghall-bqija s-sentenza appellata korrettement tirregistra d-decizjoni ta' din il-Qorti u konsegwentement l-izbalji allegatament riskontrati fir-raba', fil-hames u fis-sitt paragrafi tar-rikors promotur ma humiex sostnuti mill-konsiderandi ta' din il-Qorti u t-talba dwarhom qed tigi respinta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talba limitatament ghall-korrezzjoni mitluba fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet paragrafi tar-rikors promotur tal-20 ta' Lulju 1997 u tordna lir-Registratur biex jezegwixxi l-korrezzjonijiet mehtiega fl-original tas-sentenza taghha tat-30 ta' Mejju 1997. Ghal kull fini u effett tal-ligi, din il-Qorti tordna illi dan id-digriet jigi notifikat lill-intimati. Spejjez ta' dan l-incident bla taxxa.

Dep/Reg

mg